**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 04 ta' Dicembru, 2019**

**Mandat Nru: 1533/2019 AF**

**Emvin Cassar u martu Ersilia maghrufa bhala Elsie Cassar**

**Rudolph Cassar u martu Karen Cassar Ruggier**

**vs**

**Grazio maghruf bhala Mario Debono u martu Josanne Debono u t-tifel taghhom Kyle Debono**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Emvin Cassar u martu Ersilia maghrufa bhala Elsie Cassar, Rudolph Cassar u Karen Cassar Ruggier, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih premessi, talbu lil din il-Qorti milli jbieghu, jnehhu, jassenjaw, icedu, jghabbu b'xi djun

u/jew pizijiet, jew bi kwalunkwe mod iehor jittrasferixxu, jiddisponu jew icedu, kemm b'titolu oneruz kif ukoll b'titolu gratwit, is-segwenti proprjetà u cioè l-proprjetà bl-isem "Zuni", mibnija fuq *plot* bin-numru mhux ufficjali tmienja (8) formanti parti mill-art maghrufa bhala ta' l-Ghaqbiet, Triq il-Qortin, Mellieha, konfinanti mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Stephen u Carmen Muscat, nofsinhar ma' proprjetà tas-socjetà A & A Properties Limited u Lvant mal-istess Triq, jew irjihat verjuri kif soggetta ghas-subcens temporanju ta' erba' (4) centezmi ghall-perjodu rimanenti tal-koncessjoni originali ta' mija u hamsin (150) sena li bdew mill-hmistax (15) ta' Awwissu elf disa' mija u tlettax (1913) – Numru ta' Iskrizzjoni I 9570/1988, kopja mmarkata bhala Dok. A.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat in camera.

Rat l-Art. 873.

Ikkunsidrat illi jidher mad-daqqa t'ghajn illi:

1. Il-partijiet kienu shab f'socjetà Windmill Aluminium;

2. Grazio Debono assuma l-obbligi ta' Windmill Aluminium meta gew trasferiti lilu l-ishma kollha tas-socjetà li kellhom ir-rikorrenti Rudolph Cassar u Emvin Cassar;

3. Ma jirrizultax li Kyle Debono kien involut f'dan in-negozju;

4. Il-proprjetà mertu ta' dan il-mandat tappartjeni lill-intimati Grazio Debono u Josanne Debono;

5. Jidher li s-socjetà ghandha debiti konsiderevoli ta' taxxa xi thallas li ghalihom huma legalment fil-konfront tal-awtoritajiet responsabbli wkoll ir-rikorrenti li kienu diretturi taghha;

6. Jidher illi l-intimati dahlu f'kuntratt li fih ittrasferew il-proprjetà lil terzi fit-12 ta' Novembru 2019. Ma jirrizultax jekk dan il-kuntratt giex insinwat stante li Direttur tar-Registru Pubbliku gie notifikat bil-mandat odjern fil-11 ta' Novembru 2019.

F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tqis li jidher li r-rikorrenti ghandhom kull jedd jikkawtelaw il-kreditu taghhom bil-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. Jekk il-bejgh jinsabx finalizzat stante li ma jidhirx li gie insinwat jibqa' materja li ghandha tigi trattata u deciza mill-Qorti li ser tigi adita bil-kawza fil-mertu. Sabiex ma jizdiedx il-pregudizzju ukoll tat-terzi xerrejja u r-responsabbilitajiet lejhom da parti tal-istess intimati, ukoll sabiex jigu evitati moltiplicità ta' kawzi, din il-Qorti ser tilqa' l-mandat sakemm il-jedd tar-rikorrenti ma jigix salvagwardjat mod iehor.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad it-talba fil-konfront ta' Kyle Debono, tilqa' t-talba kif dedotta fil-konfront ta' Grazio Debono u Josanne Debono.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

IMHALLEF